



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2017
COM(2017) 660 final

2017/0294 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2017) 368 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-ħolqien ta' suq tal-gass integrat huwa pedament tal-proġett tal-UE għall-ħolqien ta' Unjoni tal-Enerġija. Is-suq intern tal-gass jitqies li jaħdem tajjeb meta l-gass ikun jista' jgħaddi liberament minn Stat Membru għall-ieħor fejn l-aktar li jkun jinħtieġ u bi prezz ġust. Suq tal-gass li jiffunzjona huwa prerekwiżit biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni. Peress li l-gass jiġi ttrasportat primarjament bil-pipelines, l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-gass bejn l-Istati Membri u l-aċċess mhux diskriminatorju għal dawn in-netwerks huma l-bażi biex is-suq ikun jista' jiffunzjona b'mod effiċjenti. Hija wkoll prerekwiżit għall-kunsinni tal-gass waqt l-emerġenzi, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' pajjiżi terzi ġirien. L-UE hija fil-biċċa l-kbira tagħha dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-gass minn pajjiżi terzi u huwa fl-aħjar interess tal-UE u tal-klijenti tal-gass li jkollhom kemm jista' jkun trasparenza u kompetittività wkoll fis-sistemi tal-pipelines minn daww il-pajjiżi.

Filwaqt li l-liġi tal-UE b'mod ġenerali tapplika fl-ibħra territorjali u fiż-żona ekonomika esklużiva ta' Stati Membri tal-UE, id-Direttiva 2009/73/KE¹ (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-Gass") ma tistipulax espliċitament qafas legali għall-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi. B'riżultat ta' dan, wara li saret analiżi legali, ġie konkluż li r-regoli applikabbli għall-pipelines tat-trażmissjoni tal-gass li jgħaqqad żewġ Stati Membri jew iktar, li jaqgħu fl-ambitu tad-definizzjoni ta' "interkonnettur", mhumieq applikabbli għal tali pipelines li jidħlu fl-UE. Madankollu, hemm prattika tal-applikazzjoni ta' prinċipji ewlenin tal-qafas regolatorju stabbilit bid-Direttiva tal-Gass b'rabta ma' pajjiżi terzi, prinċipalment permezz ta' ftehimiet internazzjonali li jikkonċernaw is-sistemi ta' pipelines tal-gass li jidħlu fl-Unjoni Ewropea. Huwa meqjus li minn issa 'l quddiem tinħtieġ azzjoni leġislattiva biex tiddefinixxi u tispesifika b'mod espliċitu u koerenti l-qafas regolatorju applikabbli għal kull tip ta' pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi.

Bl-emendi proposti, id-Direttiva tal-Gass fl-intier tagħha (kif ukoll l-atti legali relatati bħar-Regolament dwar il-Gass, kodiċijiet tan-netwerk u linji gwida, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dawk l-atti) se ssir applikabbli għall-pipelines minn u lejn pajjiżi terzi, inklużi l-pipelines eżistenti u futuri, sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-UE. Dan jinkludi d-dispożizzjonijiet rispettivi dwar l-aċċess tal-partijiet terzi, ir-regolazzjoni tat-tariffi, is-separazzjoni tas-sjeda u t-trasparenza. Dan se jippermetti wkoll pipelines ġodda lejn u minn pajjiżi terzi japplikaw għal eżenzjoni minn r-regoli msemmija hawn fuq skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva tal-Gass. Fir-rigward tal-pipelines eżistenti, li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 36, l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jagħtu derogi mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva, bil-kundizzjoni li d-deroga ma tkunx ta' ħsara għall-kompetizzjoni, għall-funzjonament effettiv tas-suq jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni.

Il-pipelines minn u lejn pajjiżi terzi għalhekk ikunu soġġetti għal mill-inqas żewġ oqfsa regolatorji differenti. Fejn dan jirriżulta f'sitwazzjonijiet legalment kumplessi, l-istrument xieraq biex jiġi żgurat qafas regolatorju koerenti għall-pipeline sħiħ ta' spiss ikun ftehim internazzjonali mal-pajjiż terz jew mal-pajjiżi terzi kkonċernati. Fin-nuqqas ta' tali ftehim,

¹ Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE, ĠU L 211 tal-14 ta' Awwissu 2009, p.94.

eżenzjoni għal infrastruttura ġdida jew deroga għal infrastruttura li diġà qed topera, il-pipeline jista' jiġi operat biss f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/73/KE fi ħdan il-fruntieri tal-ġurisdizzjoni tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tagħmel ir-regoli li bħalissa japplikaw għall-pipelines interni tal-UE applikabbli wkoll għall-pipelines minn u lejn pajjiżi terzi. Għaldaqstant, hija konsistenti ma' dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika Fejn meħtieġ ġew inkljużi aktar kjarifiki sabiex jittieħed kont tal-ħtiġiet speċifiċi b'rabta ma' pajjiżi terzi.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta qed tipprova timplimenta l-oġġettivi ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija, kif definiti fil-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika dwar it-tibdil fil-klima progressiva, b'mod partikolari fid-dimensjoni tas-sigurtà enerġetika (billi wieħed mill-motivaturi ewlenin tas-sigurtà tal-enerġija huwa t-tlestija tas-suq intern tal-enerġija).

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-miżura proposta hija l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li saħħaħ u ċċara l-kompetenzi tal-UE fil-qasam tal-enerġija. Skont l-Artikolu 194 TFUE, l-għanijiet ewlenin tal-politika tal-enerġija tal-UE huma li: tassigura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija; tassigura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni; tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forum ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u tippromwovi l-interkonnnessjoni ta' networks tal-enerġija.

Barra minn hekk, din il-proposta tibni fuq sett komprensiv ta' atti leġislattivi li ġew adottati u aġġornati matul l-aħħar żewġ deċennji. Bl-għan li jinholq suq intern tal-enerġija, l-UE adottat tliet pakketti leġislattivi konsekuttivi bejn l-1996 u l-2009, bl-għan ġenerali tal-integrazzjoni tas-swieq u tal-liberalizzazzjoni tas-swieq nazzjonali tal-gass u tal-elettriku. F'dan ir-rigward, din il-proposta se tiżgura li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn l-operaturi tal-pipelines tal-gass lejn u mill-UE u parteċipanti oħra fis-suq li għalihom tapplika bis-sħiħ id-Direttiva tal-Gass, pereżempju operaturi ta' pipelines tal-gass li jgħaqqdu diversi Stati Membri jew operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni fi ħdan l-Istati Membri.

Din il-proposta għandha titqies ukoll bħala parti minn sforz kontinwu sabiex jiġu żgurati l-integrazzjoni u t-tħaddim effettiv tas-swieq tal-gass tal-Ewropa.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

It-tibdiliet proposti lid-Direttiva tal-Gass huma meħtieġa biex jintlaħaq l-għan ta' suq tal-gass tal-UE integrat u li ma jistax jintlaħaq fil-livell nazzjonali, abbażi ta' regoli nazzjonali frammentati, b'mod daqstant effiċjenti. L-evidenza wriet li l-approċċi nazzjonali iżolati wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern tal-enerġija, li wassal għal miżuri regolatorji mhux daqshekk ottimali u inkompatibbli, għal duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' interventi u għal dewmien biex jisewwew l-ineffiċjenzi tas-suq². Barra minn

² Kif spjegat fid-dettall fil-valutazzjoni tal-atti leġislattivi riformolati taħt l-Inizjattiva tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku (Proposti tal-Kummissjoni COM(2016)864 final).

hekk, il-pipelines lejn u minn pajjiżi terzi fil-biċċa l-kbira għandhom kapaċità li jista' jkollha impatt fuq is-suq tal-gass intern u fuq is-sigurtà tal-provvista f'diversi Stati Membri.

- **Il-proporzjonalità**

L-emenda proposta hija strettament orjentata lejn dak li huwa indispensabbli biex jinkiseb il-progress meħtieġ għas-suq intern, filwaqt li l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet xierqa jitħallew f'idejn l-Istati Membri, ir-regolaturi nazzjonali u l-atturi nazzjonali. Dan jinkludi l-possibbiltà għal derogi għall-infrastruttura eżistenti (jiġifieri tal-pipelines lejn u minn pajjiżi terzi li jkunu tlestew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva), biex jittieħed kont tal-istrutturi legali kumplessi li diġà jeżistu u li jistgħu jeħtieġu approċċ każ b'każ, bil-kundizzjoni li d-deroga ma tkunx ta' ħsara għall-kompetizzjoni, għall-funzjonament effettiv tas-suq jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta temenda d-Direttiva tal-Gass, element ewlieni tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija. L-għażla ta' Att li jemenda tirrifletti l-karattru limitat tal-proposta attwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-kontenut tal-proposta attwali huwa limitat għall-għoti ta' kjarifika f'qasam fejn il-liġi applikabbli tal-UE (jew in-nuqqas tagħha) u l-prattika applikata huma diverġenti. Il-proposta tibni fuq il-prattika stabbilita. Madankollu, biex jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet eżistenti maħluqa b'riżultat ta' nuqqas ta' regoli espliċiti fil-qafas attwali, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal derogi għall-infrastruttura operattiva eżistenti. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa kkunsidrat li l-emenda tad-Direttiva tal-Gass tista' ssir mingħajr proċess ta' valutazzjoni separata.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din l-inizjattiva ma teħtieġx valutazzjoni tal-impatt dettaljata minħabba li l-bidliet proposti jirriflettu l-prattika tal-applikazzjoni ta' prinċipji ewlenin tal-qafas regolatorju stabbilit fid-Direttiva tal-Gass b'rabta ma' pajjiżi terzi. Dan jidher partikolarment mill-fatt li dawn il-prinċipji huma riflessi f'diversi ftehimiet internazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jew pajjiżi tal-UE u pajjiżi terzi, u li huma applikati b'mod konsistenti lil pipelines fuq l-art lejn u minn pajjiżi terzi.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Il-proposta tista' żżid xi rekwiżiti amministrattivi, iżda b'mod limitat ħafna biss. Billi, permezz tal-emendi, id-Direttiva tal-Gass, fil-ġurisdizzjoni tal-UE, se tkun applikabbli fl-intier tagħha għal pipelines minn u lejn pajjiżi terzi, dan se jippermetti wkoll biex pipelines ġodda lejn u minn pajjiżi terzi jkunu jistgħu japplikaw għal eżenzjoni għall-infrastruttura l-għdida skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva tal-Gass. Għalhekk, l-għadd ta' talbiet għal eżenzjoni jistgħu jiżdiedu u dan jimplika li se jkun hemm rekwiżiti għall-involvement fil-livell amministrattiv min-naħa tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-eżenzjonijiet addizzjonali. Madankollu, dan mhuwiex obbligu għdid, iżda diġà huwa komputu ewlieni definiti fit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija (l-Artikolu 36 tad-Direttiva tal-Gass).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hija mistennija l-ebda implikazzjoni għall-baġit mill-emendi proposti lid-Direttiva tal-Gass.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se tissorvelja t-traspożizzjoni u l-konformità tal-Istati Membri u atturi oħra mal-miżura li finalment se tiġi adottata fil-ġejjieni, u se tiegħu miżuri ta' infurzar jekk u meta jkun meħtieġ. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali eżistenti u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra se jiżguraw l-implimentazzjoni tal-proposta fil-livell nazzjonali.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta attwali tispjega l-ambitu eżatt tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Gass u, konsegwentement, tar-Regolament tal-Gass³ għal pipelines minn u lejn pajjiżi terzi sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-UE. Dan jinkludi d-dispożizzjonijiet rispettivi dwar l-aċċess tal-partijiet terzi, ir-regolazzjoni tat-tariffi, is-separazzjoni tas-sjieda u t-trasparenza. Se tippermetti pipelines ġodda lejn u minn pajjiżi terzi japplikaw għal eżenzjoni skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva tal-Gass. Tinkludi wkoll il-possibbiltà li l-Istati Membri jagħtu derogi għal infrastruttura tal-importazzjoni eżistenti li diġà qed tiġi ttrattata. Sabiex ikun żgurat qafas legali koerenti għall-pipelines li jgħaddu minn aktar minn Stat Membru wieħed, jinħtieġ li jiġi ddeterminat liema Stat Membru għandu jiddeċiedi dwar tali deroga.

³

Li l-Artikolu 3(2) jagħmel kontrorreferenza għad-definizzjoni fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Gass

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁵,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Is-suq intern tal-gass naturali, li ilu jiġi implimentat progressivament madwar l-Unjoni mill-1999, għandu l-għan li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha fl-Unjoni, kemm jekk ċittadini u kemm jekk negozji, kif ukoll opportunitajiet ġodda ta' negozju, prezzijiet kompetittivi, sinjali tal-investment effiċjenti u standard ogħla ta' servizz, u sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista u għas-sostenibbiltà.
- (2) Id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ taw kontribut sinifikanti lill-ħolqien tas-suq intern tal-gass naturali.
- (3) Din id-Direttiva għandha l-għan li tindirizza l-ostakli li fadal għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali li jirriżultaw min-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli tas-suq tal-Unjoni lill-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi. L-emendi introdotti minn din id-Direttiva se jiżguraw li r-regoli applikabbli għall-pipelines tat-trażmissjoni tal-gass li jgħaqqdu żewġ Stati Membri jew aktar, ikunu applikabbli wkoll għall-pipelines lejn u minn pajjiżi terzi fl-Unjoni. Dan jistabbilixxi l-konsistenza tal-qafas legali fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li jevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern tal-enerġija fl-Unjoni. Se jsaħħaħ ukoll it-trasparenza u jipprovdi ċertezza legali rigward ir-reġim

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ Id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57).

⁷ Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

legali applikabbli għall-partiċipanti fis-suq, b'mod partikolari l-investituri fl-infrastruttura tal-gass u l-utenti tan-netwerk.

- (4) Biex jittieħed kont tan-nuqqas preċedenti ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni applikabbli għall-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/73/KE għal tali pipelines li jkunu tlestew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li d-data rilevanti għall-applikazzjoni ta' mudelli ta' separazzjoni li mhumiex separazzjoni tas-sjieda (ownership unbundling) tiġi adattata għall-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi.
- (5) L-applikabbiltà tad-Direttiva 2009/73/KE għall-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi għadha limitata għal-limitu territorjali tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni. Fir-rigward tal-pipelines offshore, jenħtieġ li tkun applikabbli fl-ibħra territorjali u fiż-żoni ekonomiċi esklussivi tal-Istati Membri.
- (6) Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/73/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOPTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2009/73/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, il-punt (17) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(17) “interkonnettur” tfisser linja ta' trażmissjoni li taqsam jew tifrex fuq il-fruntiera bejn Stati Membri jew bejn Stati Membri u pajjiżi terzi sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni;”

- (2) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"8. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1:

- (a) fejn is-sistema tat-trażmissjoni tkun ta' impriża integrata vertikalment nhar it-3 ta' Settembru 2009;

- (b) fir-rigward tal-infrastruttura minn u lejn pajjiżi terzi bejn il-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni u l-ewwel punt ta' interkonnessjoni man-netwerk tal-Unjoni, fejn is-sistema tat-trażmissjoni tkun ta' impriża integrata vertikalment nhar [\[PO: date of adoption of this proposal\]](#)”;

- (b) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“9. Fejn ikun hemm arranġamenti fis-seħħ li jiggarrantixxu indipendenza aktar effettiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1:

- (a) fejn is-sistema tat-trażmissjoni tkun ta' impriża integrata vertikalment nhar it-3 ta' Settembru 2009;

- (b) fir-rigward tal-infrastruttura minn u lejn pajjiżi terzi bejn il-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni u l-ewwel punt ta' interkonnessjoni man-netwerk tal-Unjoni, fejn is-sistema tat-trażmissjoni tkun ta' impriża integrata vertikalment nhar [\[PO: date of adoption of this proposal\]](#).”;

- (3) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-Artikolu 9(1) u jaħtru operatur tas-sistema indipendenti fuq proposta mill-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni:

(a) fejn is-sistema tat-trażmissjoni tkun ta’ impriża integrata vertikalmement nhar it-3 ta’ Settembru 2009;

(b) fir-rigward tal-infrastruttura minn u lejn pajjiżi terzi bejn il-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni u l-ewwel punt ta’ interkonnessjoni man-netwerk tal-Unjoni, fejn is-sistema tat-trażmissjoni tkun ta’ impriża integrata vertikalmement nhar [PO: *date of adoption of this proposal*].

Din il-ħatra għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.”;

(3) Fl-Artikolu 34(4), qed tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Fejn in-netwerk ikkonċernat ikun kopert minn mill-inqas Stat Membru wieħed u mill-inqas pajjiż terz wieħed, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw lil xulxin u għandhom jikkonsultaw lill-pajjiżi terzi kkonċernati, bl-għan li jiġi żgurat, fir-rigward tan-netwerks ikkonċernati, li d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jiġu applikati b’mod konsistenti sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni.”

(4) L-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, tiżdied it-tieni sentenza li ġejja:

“Fejn l-infrastruttura kkonċernata tkun taħt il-ġurisdizzjoni ta’ Stat Membru u ta’ pajjiż terz wieħed (jew aktar), l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi qabel ma tadotta deċiżjoni.”;

(b) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4, tiżdied it-tieni sentenza li ġejja:

“Fejn l-infrastruttura kkonċernata tkun ukoll taħt il-ġurisdizzjoni ta’ pajjiż terz wieħed jew aktar, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi qabel ma jadottaw deċiżjoni bl-għan li jiġi żgurat, fir-rigward tal-infrastruttura kkonċernata, li d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jiġu applikati b’mod konsistenti sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni.”;

(5) fl-Artikolu 41(1), il-punt (c) jinbidel b’dan li ġej:

“(c) li jikkooperaw dwar kwistjonijiet transfruntiera mal-awtorità jew l-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri kkonċernati u mal-Aġenzija, kif ukoll, għal infrastruttura lejn u minn pajjiżi terzi, mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż terz bl-għan li, fir-rigward ta’ din l-infrastruttura, ikun hemm applikazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni;”

(6) fl-Artikolu 42, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi fir-rigward tat-tħaddim tal-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi bil-ħsieb li jiġi żgurat, fir-rigward tal-infrastruttura kkonċernata, li d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jiġu applikati b’mod konsistenti sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni.”

(7) fl-Artikolu 49, jiżdied il-paragrafu 9 li ġej:

“Fir-rigward ta’ pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi lesti qabel [PO: *date of entry into force of this Directive*], l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jidderogaw mill-Artikoli 9, 10, 11 u 32 u mill-Artikolu 41(6), (8) u (10) għat-taqsimiet ta’ tali pipelines bejn il-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni u l-ewwel punt ta’ interkonnessjoni, bil-kundizzjoni li d-deroga ma tkunx ta’ ħsara għall-kompetizzjoni jew għall-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-gass naturali fl-Unjoni, jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni.

Id-deroga għandha tkun limitata fiż-żmien u tista' tkun suġġetta għal kundizzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ksib tal-oġġettivi ta' hawn fuq.

Fejn il-pipeline tal-gass ikkonċernat ikun jinsab fil-ġurisdizzjoni ta' iktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru li l-ewwel punt ta' interkonnessjoni jkun fil-ġurisdizzjoni tiegħu għandu jiddeċiedi fuq deroga għall-pipeline.

L-Istati Membri għandhom jippubblikaw kwalunkwe deċiżjoni dwar deroga skont dan il-paragrafu fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.”

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ma' din id-Direttiva qabel [PO: one year after the date of entry into force]. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President